MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Talba Numru. 1166/2001/1

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanti ex lege tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifurmaw id-ditta assikuratrici ossija sindakati ta' Lloyds illi jgib in-numru 980 u 218 u jopera taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditta ossija sindikat, kif dan is-sindikat jinsab issurogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Paul Agius f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Frank's Car Rental u l-istess Paul Agius proprio u nomine**

**Vs**

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera assikuratrici C.G.U. Plc**

**It-Tribunal**

Ra t-talba fejn l-atturi talbu li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm506.62c (hames mija u sitt liri Maltin u tnejn u sittin centezmu) dovut wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra Ghamman Fakher kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet:

1) L-inkompetenza ratione materie ta' dan it-Tribunal;

2) Li Lloyds (Malta) Ltd m'hijiex il-legittimu kontradittur stante li fil-kawza msemmija s-socjeta' attrici kienet wahda differenti;

3) Li l-Ittra Ufficjali ntbaghtet minn Laferla Insurance Agency u mhux mis-socjeta' attrici; u

4) Fil-mertu l-ebda ammont m'huwa dovut a tenur tal-Kap 104.

Sema' l-provi prodotti mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi fit-trattazzjoni, l-avukati tal-partijiet ikkoncentraw fuq punt dwar jekk fil-mertu hemmx ammont dovut skond il-Kap 104.

Il-fatti m'humiex kontestati. L-vettura in kwistjoni kienet assigurata mad-ditta konvenuta. Din kienet involuta f'habta izda qabel il-habta l-vettura kienet "inbieghet" lit-terzi.

L-assigurazzjoni konvenuta ghalhekk tghid li huma m'ghandhomx ihallsu peress li fic-certifikat ta' sigurta jipprovdi:

*"This certificate is not transferable to a new owner of the vehicle".*

Illi fil-polza bejn is-socjeta' konvenuta u l-assigurat taghha, taht it-titlu "Conditions" klawsola numru 11 tghid:

*"You must tell us if any motor vehicle ...... is sold or* ***purported to be sold****."*

Illi din il-klawsola ghandha tigi kkunsidrata flimkien ma' klawsola numru 14 li tghid:

*"The policy will not insure anyone who does not meet policy terms and conditions."*

Is-socjeta' attrici ssostni li ghalkemm il-pussess tal-vettura ghadda minghand l-assigurat tas-socjeta' konvenuta ghat-terzi qatt ma sar bejgh skond il-ligi billi ma kienx hemm skrittura bejn l-assigurat tas-socjeta' konvenuta u t-terz li ha pussess tal-vettura u kien involut fil-habta.

Is-socjeta' konvenuta tissotometti li fil-polza hemm klawsola li tfisser li jekk l-assigurat ibiegh il-vettura u l-habta ssir wara l-bejgh ta' din il-vettura l-istess socjeta' konvenuta m'hijiex tenuta li taghmel tajjeb bhal ma hu provdut fil-Kap 104.
Illi l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni fl-Artikolu 12(1) tipprovdi lista ta' dawk l-istanzi fejn il-ligi ma tippermettix restrizzjonijiet tal-polza. Illi l-Artikolu 12 tal-Kap 104 jipprovdi li "meta certifikat ta' sigurta jigi mahrug taht l-Artikolu 4(4) lill-persuna li tkun hadet il-polza, dak li l-polza jkun qieghed biex jirrestringi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'referenza ghal dawn il-hwejjeg li gejjin…….. m'ghandu ebda effett dwar ir-responsabbilitajiet li ghandhom ikunu koperti mill-polza taht l-Artikolu 4(1) (b). F'din il-lista m'hemmx imsemmi bejgh tal-vettura.

Skond l-Artikolu 10(1) tal-Kap 104:

"If, after a certificate of insurance has been issued…. to the person by whom a policy has been effected, judgement in respect of any such liability….is obtained against any person insured by the policy, then

notwithstanding that the authorized insurer may be entitled to avoid or cancel or may have avoided or cancelled the policy, the authorized insurer shall subject to the provisions of this section, pay to the persons entitled to the benefit of the judgement any sum…..".

Issa f'dan il-kaz wiehed irid jezamina jekk il-persuna li kellha l-vettura fil-pussess taghha kienetx "a person insured by the policy". Is-socjeta' konvenuta tghid li l-persuna ma kienetx assigurata ghaliex kienet xtrat il-vettura u skond il-polza l-assigurata kellha tinforma l-assigurazzjoni jekk tbiegh jew tipprova tbiegh l-istess.

Is-socjeta' attrici tissotometti li la bejgh ta' vettura trid tkun bil-miktub u f'dan il-kaz ma kien hemm ebda kitba allura kull "bejgh" kien null u billi huwa null ma jistax jipproduci effett. Illi l-polza izda titkellem dwar "purported sale".

Fid-dawl ta' dan m'hemmx lok ghal ezami ta' l-eccezzjonijiet l-ohra. Illi Kap 104 jipprovdi li f'certi kazi, meta l-assigurazzjoni tkun intitolat li ma jhallasx ikollu jhallas xorta. F'din il-lista mhux imsemmi l-kaz fejn ikun hemm bejgh jew tentattiv ta' bejgh. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha dritt li tirristringi l-polza taghha fis-sens li jekk ikun hemm "purported sale" hi ma tkunx obbligata li thallas ghad-danni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, t-Tribunal jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------